

Brussell, 14 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14751/22

AGRI 633
AGRIFIN 133
FIN 1216

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	8 ta' Novembru 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13896/22	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 12/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Durabbiltà fl-iżvilupp rurali: il-biċċa l-kbira mill-proġetti jibqgħu operazzjonali għall-perjodu meħtieġ, iżda hemm opportunitajiet biex jinkisbu riżultati aktar deġġiema" - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fir-Rapport Speċjali tagħha 12/2022 bit-titlu: "Durabbiltà fl-iżvilupp rurali: il-biċċa l-kbira mill-proġetti jibqgħu operazzjonali għall-perjodu meħtieġ, iżda hemm opportunitajiet biex jinkisbu riżultati aktar deġġiema"

adottati mill-Kunsill fit-3905 laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Novembru 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fir-Rapport Speċjali tagħha 12/2022 bit-titlu:
"Durabbiltà fl-iżvilupp rurali: il-biċċa l-kbira mill-proġetti jibqgħu operazzjonali għall-perjodu meħtieġ, iżda hemm opportunitajiet biex jinkisbu riżultati aktar deġġiema"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JINNOTA r-Rapport Speċjali Nru 12/2022 tal-Qorti bit-titolu "Durabbiltà fl-iżvilupp rurali: il-biċċa l-kbira mill-proġetti jibqgħu operazzjonali għall-perjodu meħtieġ, iżda hemm opportunitajiet biex jinkisbu riżultati aktar deġġiema", li eżamina jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri ħadux azzjonijiet biex imexxu investimenti rilevanti fl-iżvilupp rurali b'mod partikolari marbuta mad-diversifikazzjoni u l-infrastruttura, lejn proġetti b'benefiċċji fit-tul;
2. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni biex jiġi mmirat aħjar l-infiq fuq proġetti vijabbli; jiġu mmitigati r-riskji ta' devjazzjoni tal-assi ffinanzjati għall-użu personali; u jiġi sfruttat il-potenzjal ta' baziġiet kbar ta' data għall-evalwazzjoni, li l-Kummissjoni taċċetta;
3. JILQA' s-sejbiet tal-Qorti li l-proġetti normalment jiksbu l-perjodu legali ta' durabbiltà; li l-maġġoranza tal-proġetti eżaminati għadhom operazzjonali wara l-perjodu ta' durabbiltà tagħhom; u li l-kwalità kumplessiva tal-proċeduri tal-għażla tgiebet għall-perjodu 2014-2020 meta mqabbla mal-perjodu 2007-2013;
4. JISSOTTOLINJA d-distinzjoni bejn ir-rispett tal-perjodu ta' durabbiltà legalment meħtieġ u l-valutazzjoni tal-impatt fit-tul tal-proġetti appoġġati li jibqgħu operazzjonali lil hinn mill-perjodu legalment meħtieġ u JFAKKAR li ma hemm l-ebda bażi legali għall-monitoraġġ sistematiku tal-operat tal-proġetti lil hinn mill-perjodu ta' durabbiltà legalment meħtieġ, li min-naħa tiegħu joħloq piż amministrattiv eċċessiv;

5. JIRRIKONOXXI li l-proċedura tal-għażla għandha tittejjeb aktar u li l-impatt fit-tul tal-proġetti appoġġati huwa vitali għall-iżvilupp rurali; L-Iżvilupp Rurali jiddependi wkoll sa ċertu punt fuq l-għadd ta' fatturi esterni, bħal xejriet makroekonomiċi u kriżijiet li ma jistgħux jiġu influwenzati minn proċeduri ta' għażla; li l-perjodi ta' durabbiltà għandhom jiġu eżaminati għall-impatt tagħhom fuq l-iżvilupp rurali;
6. IQIS li l-miżuri ta' diversifikazzjoni jistgħu jgħibu diversifikazzjoni fuq perjodu twil fiż-żoni rurali u li hija meħtieġa analiżi ulterjuri fil-valutazzjoni tal-vijabbiltà ekonomika tal-proġetti appoġġati;
7. JINNOTA l-potenzjal li jingħata appoġġ fil-forma ta' strumenti finanzjarji, bħal self u garanziji, b'mod partikolari għall-investimenti ekonomikament vijabbli u li jiġġeneraw id-dħul;
8. IFAKKAR li l-appoġġ għal proġetti simili huwa previst taħt il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida 2023–27 f'konformità mal-"Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid", li jħalli aktar flessibbiltà għall-Istati Membri biex jippjanaw l-appoġġ u jistabbilixxu kundizzjonijiet ta' għajjnuna skont il-ħtiġijiet u l-kuntest nazzjonali tagħhom. Huwa f'idejn l-Istati Membri li jipproponu, fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, ir-rekwiżiti ta' durabbiltà rilevanti li huma adatti għat-tipi differenti ta' operazzjonijiet.